KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# KUMITAT TAT-TMEXXIJA - LAQGĦA NUMRU 1

L-ewwel seduta tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' Tas-Sliema inżammet **il-Ħamis 23 ta' Frar 2012** fil-5.15 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

Il-Kumitat tat-Tmexxija ġie maħtur mill-Ministru skont artiklu 23 (2) tal-Att dwar Kunsilli Lokali wara x-xoljiment tal-Kunsill Lokali.

## PREŻENTI

Alfred Fiorini Lowell – Chairperson
Ian Borg – Membru

Is-Sur Mario Gauci, membru fil-Kumitat, kien skużat milli jattendi minħabba li kien ma jiflaħx.

## UFFIĊJAL PREŻENTI

Paul Gatt - Aġent Segretarju Eżekuttiv
Stefania Friggieri – Assistent Uffiċjal Prinċipali
Christian Vella - Accountant

## 1. INTRODUZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

*Introduzzjoni miċ-Chairperson*

1.1 Iċ-Chairperson fetaħ il-laqgħa b'introduzzjoni qasira fejn qal li ma kienx kompitu tal-Kumitat tat-Tmexxija li jidħol fir-ragunijiet 'l għala l-Kunsill kien ġie xolt jew f'dak kollu li kien sar fil-passat qrib. Kellu biss jara x'sar fill-passat safejn dak kellu effett fuq problemi li għadhom jeżistu fil-preżent. Hu deherlu li, kemm jista' jkun, il-Kumitat kellu jiffoka fuq il-preżent u sa kemm jagħti *hand-over* lill-Kunsill il-ġdid. Hu kien tal-fehma li ma kienx opportun li l-Kumitat jieħu ċertu inizjattivi ġodda iżda għandu jagħmel hiltu biex isolvi l-problemi li jeżistu u jagħmel dak kollu possibli biex itejjeb ċertu sistemi u xogħlijiet għall-benefiċċju tal-Kunsill li se jiġi elett.

1.2 Kien hemm qbil li ċ-Chairperson għandu, sa fejn hu possibli, jinvolvi ruħu kemm jista' jkun fil-ħidma tal-Kunsill filwaqt li tinżamm komunikazzjoni mal-membri u mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv permezz tal-mezzi elttroniċi. Iċ-

Chairperson jifhem li barra li ż-żewġ membri l-oħra tal-Kumitat huma diġà involuti f'impenji tagħhom fil-Kunsilli Lokali li tagħhom huma Sindki, kienu wkoll fil-preżent impenjati fil-kampanja elettorali tal-Elezzjoni ta' l-10 ta' Marzu. Għalhekk iċ-Chairperson kien lest li kemm u fejn jista jkun, ma jimponix fuq ħinhom izjed milli hu essenzjali.

1.3 Iċ-Chairperson qal li hu kien fi ħsiebu li d-deċiżjonijiet kollha tal Kumitat jittieħdu b'*consensus.*

1.4 Iċ-Chairperson staqsa lil-a/SE dwar il-laqgħa tal-lokalità għax kellu informazzjoni li suppost il-Kunsill kellu jorganizza tali laqgħa qabel ma japprova l-Estimi Annwali. L-a/SE informa li teknikament, qabel ma l-Kunsill jikkunsidra l-baġit, għandu jorganizza l-laqgħa tal-lokalità biex possibilment jinkludi xi suġġerimenti fil-baġit. L-a/SE qal li hu jidhirlu li din il-laqgħa għandha ssir mill-Kunsill mhux mill-Kumitat minħabba li waħda mill-iskopijiet tal-laqgħa hija propju biex ikun hemm kuntatt dirett bejn ir-residenti u l-Kunsill. Il-Kumitat qabel imma ddeċieda wkoll li l-preparazzjonijiet biex jitħejja l-abbozz tal-baġit kellhom jibqgħu ghaddejjin.

## 2. ĦLAS TA' KONTIJIET

2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (a/SE) ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. *Ħlas ta' kontijiet*

2.2 Iċ-Chairperson ippreżenta sommarju tal-lista tal-pagamenti u wera x-xewqa li listi futuri kellhom jibqu isiru fuq it-*template* approvat imma jkunu akkumpanjati minn sommarju li, f'daqqa t'għajn, jgħati stampa tas-sehem relattiv tad-diversi tipi ta' pagamenti.

2.3 Is-Sur Borg ġibed l-attenzjoni dwar il-kont tal-iskola għall-korsijiet tal-*life long learning*. Huwa informa li fil-każ ta' Ħad Dingli, fejn huwa s-Sindku, ma jħallsux kontijiet u l-iskola xorta tkun disponibbli għall-użu tal-Kunsill. Fakkar li l-politika tal-Gvern hija li jkun massimizzat l-użu tal-iskejjel tal-istat. Kien hemm qbil għalhekk li għalissa l-kont għandu jinżamm filwaqt li ssir komunikazzjoni mal-Ministeru dwar dan. *Kontijiet tal-iskola*

2.4 L-a/SE ippreżenta wkoll lista oħra li kienet tinkludi s-salarji u r-remunerazzjoni tas-Sindku sa meta gie xolt il-Kunsill.

2.5 Il-kontijiet imbagħad, inkluż il-lista tas-Salarji, kienu approvati u ffirmati miċ-Chairperson, is-Sur Borg u l-a/SE.

2.6 F'dan il-ħin is-Sur Borg staqsa dwar kontijiet li l-a/SE kien aċċenna għalihom f'*email* li kien bagħtilhom u li indika li hemm xi problema. L-a/SE informa li l-Kunsill preċedenti kien żamm milli jitħallsu pagamenti dwar xogħolijiet kuntrattwali fuq servizzi essenzjali, inlużi dawk, relattivament għoljin, tal-ġbir ta' skart u tal-manutenzjoni tal-ġonna. Mhux talli kien skada t-terminu stipulat ta' tliet snin ta' dawn il-kuntratti, imma kien issa nqabez ukoll l-estenzjoni ta' sena li jippermettu r-regolamenti finanzjarji f'certi cirkustanzi. Il-Kumitat qabel li, la darba x-xogħol kien sar, u partikularment għaliex is-servizzi kienu essenzjali u wieħed bl-ebda mod *Kuntratti skaduti – kontijiet miżmuma*

ma seta' jimmagina li l-lokalità titħalla mingħajrhom, il-kontijiet pendenti kellhom jitħallsu minnufih, u dan irrispettivament mill-fatt li l-kuntratti kienu skadew. Il-Kumitat qabel ukoll li, waqt li fit-terminu tiegħu għandu jsir ix-xogħol preparattiv kollu biex joħorgu offerti ġodda kemm jista jkun malajr, dawn għandhom jinħargu mhux mill- Kumitat iżda mill-Kunsill il-ġdid. Id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kellu jigi infurmat b'din id deċiżjoni mill-a/SE minnufih.

2.7 L-a/SE informa wkoll li l-Kunsill Lokali, qabel ma kien xolt, kien iddeċieda li għandu jwaqqaf il-'kuntratt' tal-*photocopier* minħabba li, jekk ikompli għaddej il-kuntratt, il-Kunsill kien se jkun kontra r-regolamenti finanzjarji. Dwar dan il-Kunsill preċedenti kien għamel żball meta aċċetta kwotazzjoni skont it-termini tal-offerent minflok it-termini li ried il-Kunsill. Dan ifisser li, permezz tal-ittra tal-aċċettazzjoni tal-offerta lill-offerent, il-Kunsill kien intrabat għal perijodu ta' ħames snin minflok għal sena, Għalhekk wassal biex l-ispiża globali fuq ħames snin kienet se tkun tali li kien jirrikjedi l-pubblikazzjoni ta' offerti u mhux ħruġ ta' kwotazzjonijiet. Peress li l-kuntratt kien se jitwaqqaf, il-figura globali, inkluż penali marbuta mat-terminazzjoni tal-ftehim, ma kinitx se taqbeż l-ammont meħtieġ għall-ħruġ ta' kwotazzjonijiet. Il-Kumitat qabel li għandu jitkompla l-proċess kif kien iddeċieda l-Kunsill. *Photocopier*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-*FINANCIAL STATEMENTS 2011*

3.1 L-*Accountant* Christian Vella spjega fil-qosor ir-rapport finanzjarju. Huwa ta' xi *background* sa fejn hu kien infurmat, dwar is-sitwazzjoni ma' Polidano Group fir-rigward tax-xogħol tat-tarmak ta' Qui-Si-Sana għalkemm dan ma kellux effett fuq ir-rapport finanzjarju. *Spjegazzjoni mill-Accountant*

3.2 L-*Accountant* informa wkoll li, minħabba s-sitwazzjoni partikulari li kienet wasslet għax-xoljiment tal-Kunsill, kien wasal f'arranġament mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika biex ir-rapport finanzjarju jintbagħat immedjatament wara li jkun approvat fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija minħabba li ma kienx possibli għall-Kumitat li japprovah fil-ħin stipulat.

3.3 Il-Kumitat qabel li għandu jkun approvat għalkemm, jekk kien hemm membri li kellhom xi mistoqsijiet kienu mistiedna jibgħatu dawn il-mistoqsijiet lill-*accountant*.

3.4 Sadanittant l-*Accountant* informa li l-verifika għandha tibda fit-12 ta' Marzu 2012.

## 4. ĦWEJJEĠ OĦRA

4.1 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni għall-ħafna *scaffoldings* li hemm madwar Tas-Sliema filwaqt li sostna li, kuntrarju għal dik li donnha kienet il-prassi taħt l-aħħar Kunsill, dawn għandhom invarjabbilment iħallsu dak li hu dovut minnhom skont il-liġi filwaqt li għandhom jiżguraw sigurtà għar-residenti. *Scaffoldings.*

## 5. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

5.1 Il-Kumitat qabel li jaġġorna l-laqgħa għal data li trid tiġi kkordinata possibilment għall-ġimgħa ta' wara b'konsultazzjoni mal-membri.

5.2 Il-laqgħa intemmet fis-5:50pm.

Minuti approvati llum 2 ta' Marzu 2012.

| | |
|---|---|
| **Alfred Fiorini Lowell** | **Paul Gatt** |
| **Chairperson** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |